## Grajjiet, Drawwiet, Tifkiriet:

# ZEWG PATRIJARKI

(Minn Mons. Prof. ARTURO BONNICI)

Fi żmien tlett ijiem il-Kapitlu tal-Kattidral joħroġ darbtejn mill-knisja tiegħu u jmur jagħmel festa fi knejjes oħra. Fid-19 ta' Marzu, imur fil-knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu, ir-Rabat, biex jiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp. Din is-sena ċ-ċelebrazzjoni kienet iżjed solenni, imħabba li tfakkarna f'għeluq il-mitt sena minn meta Papa Piju IX fit-8 ta' Diċembru 1870 pproklama lil dak il-Qaddis Patrun tal-Knisja Universali.

Għaliex fil-Knisja ta' dawk il-Patrijiet issir festa kbira lil San Ġużepp? Għaliex magħqud mal-knisja tagħhom hemm oratorju ddedikat lilu u fl-istess oratorju hemm Arċikonfraternita' tal-Qaddis, li flimkien mal-Patrijiet hejjew il-festi ċentinarji.

### IL-PATRIJIET TA' ĠIEŻU

Ħalli ngħidu l-lum xi ħaġa dwar dawk il-patrijiet u dik l-Arċikonfraternita. Bħal xi Ordnijiet oħra Reliġjużi, dak tal-Frati Minuri huwa qadim ħafna. Fl-1492, wieħed Malti jismu Ġakbu Hakim, imlaqqam "Malf", li kien joqgħod Messina, ħalla 800 uqija lil qaribu Fra Marjanu Hakim, biex jibni f'Malta kunvent bl-isem ta' S. Marija ta' Ġesù, mnejn il-Patrijiet ħadu l-isem "ta' Ġieżu"

Il-kunvent inbena u ġie mgħammar minn Patrijiet ta' l-Ordni msemmi. Dawn ħajja f'tant faqar, li, fl-1507, ħajaj f'tant faqar, li, fl-1507, ir-Re Ferdinandu ta' Aragona u Sqallija ordna li kull sena is-Segrezija ta' Malta kellha tforni l-Patrijiet b'żewġ pezez drapp għaċċoqqoq u l-mantelli tagħhom. Għal min ma jafx, is-Segrezija kienet l-uffiċċju nkarigat mill-ġbir tal-flus dovuti lir-Re.

Il-ħajja eżemplari ta' dawk il-Patrijiet ġibditilhom l-imħabba tan-nies ta' madwarhom, kif ukoll ta' nies oħra għolja. Il-Granmastri Filippu Villiers de L'Isle Adam, li rranġalhom il-kunvent, u l-Granmastru Klawdju de la Sengle li kien midħla tagħhom xtaqu li jiġu midfunin fil-knisja ta' dawk il-Patrijiet. Fil-fatt, hemmhekk biss midfuna l-qalb ta' l-ewwel u biċċa ta' ħdejn il-qalb tattieni kif ukoll dik ta' ħu l-Granmastru Alof de Wignacourt. Fl-1533, id-Duka ta' Monteleone, Vicere' ta' Sqallija, tahom il-privileġġi li jieħdu ċertu kwantita' ta' inbid, ġobon u legumi, u ħwejjeġ oħra ta' l-ikel mingħajr ma jħallsu dazju.

### TEŻORI ARTISTIĊI

L-ewwel knisja ta' dawk il-Patrijiet kienet baxxa u bla twieqi. Fl-1557, ġiet imġedda xi ftit. Mis-sena 1752 sal-1757 reġgħet inbniet mill-ġdid bil-flus miġbura minn fost il-Maltin u nies barranin bil-ħidma tal-patrijiet Isidoru Cesari għawdxi u Ġiannikola malti. Il-kwadru titulari — il-Viżitazzjoni tal-Madonna — tpitter mill-malti Ġużeppi Hyzler; il-kwadru ta' fuq bix-xbiha tal-Missier Etern huwa tal-pittur Anton Favray. Il-kwadri fil-ġnub tal-kor, li juru xeni mill-ħajja ta' San Franġisk kellhom bħala awtur tagħhom lil Franġisku Zahra.

Barra minn dawn il-kwadri ta' pittura tas-sekli XVIII u XIX, dik il-knisja hemm fiha żewġ pitturi tal-Madonna attribwiti lil Antonello de Saliba (1497-1535). Teżor ieħor f'dik il-knisja huwa l-istatwa tal-alabastru — il-Madonna, skolpita mill-iskultur famuż Anton Cagini fl-1504.

Fl-1508, il-Kapitlu tal-Kattidral u l-Maġistrat tal-Imdina qatgħuha li jiċċelebraw għal dejjem sollennement il-festa ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Ġieżu u din il-festa solenni għadha ssir sal-lum. Mistiedna mill-Gwardjan u r-Rettur tal-fratellanba, il-Kapitlu jmur hemm proċesjonalment u jiċċelebra Quddiesa Pontifikali, li fiha jagħmel il-paneġierku l-kwareżimalista tal-Kattidral.

### DALMA F'MOĦĦI

Mela, sena minnhom, mess lili li nagħmel dak il-paneġierku. Qabel waslet il-ġurnata li fiha kelli nippriedka, kien jiġi fuqi Menu is-sagristan tal-Kattidral, Alla jaħfirlu, Ġużeppin sa ruħu, u kien dejjem iwissini biex inhejji paneġierku sabiħ, "għax ikun hemm jisimgħuni l-Monsinjuri, il-Patrijiet u għadd kbir ta' nies".

Kien isemmili predikaturi famużi li għamlu qabli dak il-paneġierku. Insomma kien imlieli rasu qartalla.

Wasal il-jum mistenni. Wara l-Vanġelu, liebes ta' kanonku bl-abbati u ċ-ċerimonjier quddiemi, għaddejt mill-kor — kollox imżejjen, dwal mix/ħula, monsinjuri u patrijiet fis-sedji tal-kor. Il-kliem ta' Menu żarżar f'widnejja. Tlajt fuq il-pulptu, raddejt is-salib, ġejt biex nibda. Iżda insejt għal kollox l-ewwel ħsieb tal-priedka. Ftit sekondi skiet . . . L-għaraq xaqq għalija . . . X'ser nagħmel? nerġa' ninżel? Le!

Bdejt b'dak li ġieni f'ħalqi: "Kbir l-isem ta' San Ġużepp!" Sadattant id-dalma ta' moħħi marret, ftakart fl-ewwel sentenza, dħalt ħelu ħelu fis-suġġett u ssuktajt sat-tmiem bla ebda inċident ieħor. Wara rringrazzjajt bil-qalb lil San Ġużepp.

### L-EQDEM FRATELLANZA

Kif għedna qabel, mal-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat hemm mgħaqqad l-oratorju qadim ta' San Ġużepp, li ġie mibni mill-ġdid fis-sena 1840. Hemm għandha s-sedi tagħha l-Arċikonfraternita' ta' l-istess isem, li hija mħarsa bħala l-ewwel fratellanza jew "guild" imsemmija fl-Istorja ta' Malta. L-istudjużi jgħidu li twaqqfet fis-sena 1345, jiġifieri mal-150 sena qabel ma ġew il-Patrijiet ta' Ġieżu f'Malta.

Patri Ġorġ Xerri, l-istorjografu ta' dan l-Ordni jsostni li dik l-Arċikonfraternita' kelha l-bidu tagħha fi Knisja żgħira, aktarx ta' Santa Margerita, li kien hemm fil-post fejn hemm il-lum il-knisja tal-Patrijiet. Meta inbniet din, il-fratelli ingħataw kappella minnha bħala sedi tagħhom.

Fl-1665, bnew l-oratorju msemmi. Matul iż-żmenijiet l-Arċikonfraternita' kisbet ħafna privileġġi mill-Isqfijiet u mill-mexxejja ċivili, kif ukoll mill-Kattidral.

### SAN ĠUŻEPP IX-XIĦ

Il-fratellanza tgħożż ħafna statwa qadima ta' San Ġużepp ix-Xiħ, kif isejħulu, li jingħad li, qabel, kienet pulena ta' xini, mogħtija lilhom mill-Kavallieri meta ġew Malta. Din l-istatwa minn dejjem gawdiet il-qima tal-Maltin, li fil-ħtiġiet u fil-perikli nazzjonali tagħhom jitolbu li tinħareġ fi proċessjoni penitenzjali.

Tant hu hekk li l-fratelli għamlu kabozza tal-inċirata biex ilibbsuha lill-istatwa, għax ta' spiss meta ioħorġu biha jitolbu għax-xita, Alla jisma' t-talb tagħhom magħqud ma' dak ta' San Ġużepp u jagħtihom ix-xita mixtieqa, qabel ma l-proċessjoni terġa' tidħol fil-Knisja.

Il-festa l-oħra li jattendi għaliha l-Kapitlu tal-Kattidral f'Marzu hija dik ta' San Benedittu, li ssir fl-Imdina fil-Knisja tas-sorijiet klawstrali benedittini, nhar il-21 tax-xahar. Dis-sena fit-22, għax il-21 jaħbat Ħadd tar-Randan. X'ser ngħidu fuq is-sorijiet u dwar il-knisja tagħhom?

### SORIJIET BENEDITTINI

Barra mill-Ordnijiet Reliġjużi tar-rġiel, kien hawn f'Malta wkoll fil-qedem Komunitajiet Reliġjużi tan-nisa. L-ewwel kunvent kien dak ta' dawn is-Sorijiet Benedittimi, iddedikat lil San Pietru. Tgħiduli, għax lil S. Pietru u mhux lil San Benedittu? Għaliex, qabel inbena l-kunvent, kien hemm f'dak il-post sptar imsejjaħ għal San Pietru. Kif jaħsbu, dak il-kunvent twaqqaf fis-sena 1418 taħt l-Isqof Pellerano.

Fl-1495, infetaħ kunvent ieħor ta' sorijiet benedittini fl-Imdina, dedikat lil Santa Skolastika, oħt San Benedittu. Wara l-Viżta ta' Mons. Dusina (1575), imħabba l-għadd żgħir ta' sorijiet fiż-żewġ kunventi, l-Isqof Royas ġabarhom ilkoll fil-kunvent ta' San Pietru.

Fl-1604, l-Isqof Gargallo reġa' firidhom imħabba li l-għadd tagħhom kiber, u kontra r-rieda tal-Ġurati u tan-nies ta' l-Imdina, bagħat lis-sorijiet ta' Santa Skolastika il-Birgu, fil-kunvent fejn qabel kienu s-sorijiet ġerosolmitani li marru fil-kunvent ta' Sant'Orsla fil-Belt il-Ġdida. Is-sorijiet benedittini tal-Imdina kienu jżommu magħhom xi bniet u xebbiet bħala "boarders" u kienu jgħallmuhom jaħdmu xogħlijiet ta' fejda.

Il-knisja ta' San Benedittu hija knisja żgħira, iżda ħelwa ħafna. Fl-1625, l-Isqof Cagliares rrestawra knisja u kunvent. Il-kwadru ta' fuq l-artal huwa xogħol Mattija Preti, li pitter is-saqaf ta' San Ġwann.

Ma' dak il-kunvent u dik il-knisja f'moħħi għandi mgħaqqad lil Beneditt. Tiftakruh lil Beneditt? Kien bniedem għoli, ferrieħi u rispettuż, li kien jieħu ħsieb il-knisja u jaqdi s-sorijiet. Minn ismu u ċirkostanzi oħra jidher li Beneditt twieled, għex u miet ħdejn San Benedittu. Ħadd ma kien jidħol l-Imdina li ma jarax ma' wiċċu lil Beneditt. Il-lum laħqu floku uliedu l-bniet, li ferrieħa isaqsuk kif int u jifirħu bik bil-mistħija raħlija, iżda b'ġentilezza beltija.

### ERĠAJT MORT NIEKOL

Fis-sena li semmejt saret bħas-soltu l-festa u qaddes l-Arċisqof Caruana. Jiena messni nagħmel il-paneġierku hemm ukoll. Wara l-quddiesa, l-Arċisqof bagħat lill-kappillan tiegħu jistedinni biex niekol miegħu f'nofs in-nhar. Jiena kkonfondejt, għax ngħidilkom is-sewwa, tiekol ma' l-Isqof kien għalija privileġġ kbir. Aċċettajt, bgħatt navża lil ommi biex ma tistennix għall-ikel, għax kont ser niekol ma' l-Isqof.

Mur ara kemm ħassitha kburija ommi, meta semgħet b'dik l-istedina! Nofs in-nhar daqq. Morna għall-ikel. Stennejt pranzu tal-festa, għax Mons. Caruana kien benedittin. L-ewwel platt kien ftit brodu b'xejn ġo fih. Ġie t-tieni platt — biċċtejn laħam imdaqqsin b'żewġ patatiet. Ħdejja kelli platt b'żewġ kisriet żgħar, li l-ingliżi jsejħu "slices of bread".

Mal-laħam kilt kisra u nofs u ħallejt in-nofs l-ieħor għat-tielet platt. Iżda fit-tielet platt ġiet "*caramel*" bħala diżerta. Ma kienx xieraq li niekol magħha n-nofs kisra l-oħra — u kelli aptit ta' xi kwart ħobż ieħor, għax kont fl-aħjar tiegħi. Meta kilna l-Arċisqof qabbad is-sigarru u qagħad ikellimni, isaqsini ħaġa wara l-oħra. Fl-aħħar tani idejh ħa nbushielu u jien ħriġt 'il barra. Mort id-dar. Malli wasalt, f'xi s-sagħtejn, għajjatt lil ommi u għidtilha biex tagħtini xi ħaġa x'niekol. "X'jiġifieri? Mela ma kiltx għand l-Isqof?"

"Iva! Imma bil-mistħija ma kiltx sa xbajt!" Ma gdibtx, għax, wara kollox, kieku seffaqt wiċċi u tlabt lill-Arċisqof ħobż jew laħam iżjed, żgur li ma kienx jiċħadhomli, għax kien ġeneruż bla qies.

Iżda, hej, f'dik l-ikla qies lil ħaddieħor b'qiesu u tani "lunch" skoċċiż, flok pranzu malti tal-festa, kif stennejt jien. Wara kollox, kien jgħid tajjeb wieħed ħabib tiegħi: "Aħjar biċċa ħobż biż-żejt fil-kantina ta' darek milli pranzu fil-Palazz tar-Re".